VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,365, 12 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 42 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(Kap. 465)

Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamel l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment.

Projbizzjoni ta' trasferiment lejn u minn Malta.

2. (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jordna, permezz ta' dan l-ordni, il-projbizzjoni ta' trasferiment ta' persuni, lejn u minn xi pajjiż elenkat fis-subartikolu (2):

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jissospendi d-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni b'avviż fil-Gazzetta, fejn, fl-opinjoni tal-imsemmi Suprintendent, l-ivvjaġġar ta' ċerti persuni huma essenzjali.

(2) Il-pajjiżi li għalihom jirreferi dan l-ordni huma dawn li ġejjin:

(a) l-Italja

(b) l-Isvizzera

(ċ) Franza

(d) il-Ġermanja

(e) Spanja

(f) iċ-Ċina, inkluża Hong Kong

(g) Singapore

(h) il-Ġappun

(i) l-Iran

(j) il-Korea t'Isfel:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, iżid jew inaqqas din il-lista permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

Reati u pieni.

3. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44 tal-Att għal kull waħda mill-okkażjonijiet li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-ordni.